Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-27 ta' April 2023**

**Pulizija**

**Vs**

**Joseph Galea**
**(293290M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra **Joseph Galea** ta' 28 sena, iben Sylvana Galea nee' Galea, imwieled Pieta, nhar il-15 ta' Gunju, 1990 u residenti Blk J, Flat 3, Barbara Street, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 293290M.

Akkuzat talli f'xi hin fil-ghaxija nhar id-9 ta' Dicembru 2018 minn gewwa car park 6 tal-Universita' ta' Malta, Triq Dun Karm, Msida

1. Ikkommetta serq ta' zewg batteries ghad-detriment ta' l-Universita ta' Malta u/jew pesruni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u valur, liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

2. Kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenża moghtija nhat it-12 ta' April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

3. Kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenża moghtija nhat is-27 ta' April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

4. Kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenża moghtija nhat il-21 ta' Marzu 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

5. Kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenża moghtija nhat it-18 ta' Lulju 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-nota tad-difiza datata 30 ta' Settembru 2022 fejn giet ipprezentata sentenza 'Pulizija vs Joseph Galea' datata 25 ta' Novembru 2021(per Magistrat Dr Rachel Montebello).

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzonijiet migjuba kontrih fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat debitament assistit mill-konsulent legali tieghu rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna l-ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat **diga' qed jiskonta** sentenza ghar-reati edotti f'akkuza numru **tnejn (2) u numru tlieta (3)** u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi l-partijiet qablu li ghalkemm il-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, din ghandha tkun fil-minimu taghha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3) u 280(2) tal-Kapitolu 9 u Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati** ta' **l-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **tnax-il xahar** prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat